**2 ta' Diċembru, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

V

*versus*

W

## L-Artikolu 20 (i) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ - Dritt ta' l-Użu ta' l-*Engagement Ring* wara Dikjarazzjoni ta' Nullità

*Il-Qorti ta' l-Appell, wara li għamel studju dwar in-natura ta' l-engagement ring skond il-ġurisprudenza tagħna, irriteniet li kull dritt li l-konvenuta seta' kellha li żżomm u tuża ċ-ċurkett ta' l-engagement spiċċa meta n-nullità għaddiet in ġudikat.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi fl-okkażżjoni ta' l-għerusija bejn il-kontendenti, huwa kien irregala lill-konvenuta *"engagment ring"* bid-djamant *'solitaire'*, li llum hu kkalkulat li jiswa sitt mitt lira (Lm600); illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża deċiża fit-23 ta' Marzu, 1981, iż-żwieġ li kien ġie sussegwentement ċelebrat bejn il-kontendenti, kien ġie ddikjarat null u bla effett u dana billi l-istess żwieġ ma kienx ġie kunsmat minħabba mpotenza tal-konvenuta, illi jekk iż-żwieġ bejn il-kontendenti kien null u bla effett u qisu qatt ma seħħ, u dana minħabba nuqqas tal-konvenuta hija għandha l-obbligu li tirrestitwixxi lill-istanti iċ-ċurkett ta' l-għerusija fuq imsemmi, u illi wara l-annullament imsemmi il-konvenuta żżewġet u l-istess konvenuta ġiet interpellata inutilment biex tirrestitwixxi dan iċ-ċurkett lilha mogħti b'donazzjoni b'kontemplazzjoni taż-żwieġ, talab (1) illi l-konvenuta tiġi kkunndannata tirrestitwixxi lill-istanti ċ-ċurkett

hawn fuq imsemmi, u dana fi żmien qasir u perentorju; u (2) illi in difett il-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu is-somma ta' Lm600 valur ta' l-istess ċurkett, jew kull ammont ieħor verjuri li jiġi mill-Qorti likwidat bħala valur tiegħu, flimkien ma l-imgħaxijiet legali mid-data taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet (1) illi kuntrarjament għal dak li premetta l-attur bħala bażi ta' l-azzjoni tiegħu, l-għoti ta' l-*"engagement ring"* ma jikkostitwix donazzjoni, iżda kapparra; u minn dan isegwu żewġ konklużżjonijiet: (a) formalment, li l-azzjoni hija insostenibbli billi n-natura tagħha hija waħda tar-restituzzjoni ta' donazzjoni u mhux ta' telf ta' kapparra, u (b) fis-sustanza li l-kapparra fl-għerusija hija restitwibbli f'każ ta' resiliment inġust, mentri mhux allegat li xi parti ħassret l-għerusija mingħajr ġusta kawża;

(2) illi subordinatament u bla preġudizzju, mhux minnha il-premessa ta' l-attur li "jekk iż-żwieġ bejn il-kondendenti kien null u bla effett, qiesu qatt ma seħħ", u allura japplika l-artikolu 1905 tal-Kodiċi Ċivili. Skond l-artikolu 20 (1) tal-*Marriage Act*, f'każ taż-żwieġ dikjarat null *"the effects of the invalid marriage shall be deamed to have existed in favour of the spouses, until the judgement of nullity has become a res judicata"*; (3) illi fi kwalunkwe każ, il- liġi ma ssemmix f'dak il-kuntest il-ħtija ta' waħda mill-partijiet, imma l-*buona fede* tal-partijiet; (4) illi subordinatament bla preġudizzju, anke kieku l-artikolu 1905 kien applikabbli mill-operat ta' dan l-artikolu, huma eskużi id-doni manwali, u anke għal din ir-raġuni, l-azzjoni għandha tiġi miċħuda;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Mejju 1983, li biha ċaħdet it-talbiet ta' l-attur u ordnat

li l-ispejjes jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u dan kollu wara li kkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-fatti ta' din il-kawża u dik bejn l-istess kontendenti deċiża minn din il-Qorti fi 23 ta' Marzu, 1981, il-kontendenti għamlu żmien għarajjes u kienu anke effettivament iżżewġu fit-8 ta' Diċembru, 1975. Iż-żwieġ tagħhom li ġie anullat bis-sentenza hawn fuq imsemmija għar-raġuni kontemplata fl-artikolu 18 (1) (b) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iż-Żwieġ (qabel ma dan l-artikolu ġie emendat bl-Att Nru. XXXIV ta' l-4 t'Awissu, 1981), jiġifieri minħabba l-impotenza relattiva. Meta saret l-għerusija bejn il-kontendenti fl-1971, kienu ġew skambjati ***engagement rings*** bejn il-partijiet; u permezz ta' din l-istanza l-attur qed jitlob lura mingħand il-konvenuta ċ-ċurkett li huwa kien taha;

Illi kif jidher ċar it-termini taċ-ċitazzjoni, sew fil-kawżali (li hija r-raġuni u l-fundament tat-talba) u kemm it-talba stess, l-attur qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1905 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li kull donazzjoni magħmula mill-għarajjes b' kontemplazzjoni taż-żwieġ sew lil xulxin jew minn wieħed mill-għarajjes lill-ieħor, ma jkollhiex effett jekk iż-żwieġ l-ieħor ma jsirx. L-attur jissottometti li ġaladarba ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta ġie annullat, dan għandu jitqies bħal li kieku qatt ma sar;

Illi da parti tagħha il-konvenuta tissottometti, li l-għoti ta' l-***engagement ring*** m'huwiex donazzjoni, iżda kapparra u għalhekk l-azzjoni ta' l-attur hija insostenibbli billi n-natura tagħha hija ta' restituzzjoni ta' donazzjoni u mhux ta' telf ta' kapparra. *Inoltre,* il-kapparra f'każ ta' għerusija hija restitwibbli għal reżiliment inġust, u m'huwiex allegat li xi parti ħassret

l-għerusija mingħajr ġusta kawża. Il-konvenuta tat eċċezzjonijiet oħrajn iżda huwa spedjenti li qabel xejn tiġi kkunsidrata din l-eċċezzjoni, peress li hija ta' natura perentorja;

Illi l-liġi tagħna, preċiżament li l-Kodiċi Ċivili (Titolu XIV, Sub-Titolu V) jikkontempla d-donazzjonijiet bejn l-għarajjes, iżda ma jikkonkludix, almenu espressament, l-għoti ta' l- "*engagement ring*" fost dawn id-donazzjonijiet. Iżda, fuq in-natura ta' l-*engagement ring* espremit ruħha b'mod ċar il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Giovanni Vassallo *vs* Violet Camilleri, deċiża fit-18 ta' Ġunju 1945 (Ara Vol.XXXII paġna 268). Il-Qorti qalet hekk: "Fuq l-*engagement ring* dan għandu n-natura tal-kapparra. Infatti, kif ġiet ritenut minn din il-Qorti fl-10 ta' Jannar,1840, *in re*: "Dr. Michele Camenzuli *vs* Grazzia Ellul" (Kollezzjoni antika tad-deċiżjonijiet, I paġ.67):

*"'l'anello poi, in particolare, di uso ugualmente antichissimo presso quasi tutte le nazione, era presso i Romani il simbolo della fede che deve assicurare ogni promessa, e si dava in qualità di pegno o capparra nelle contrattazzioni che tra loro seguivano, come si evince dal paragrafo, 'si qui'. L.II.ff. de act.empt. et vend....."*

Dan jirriferixxi għaċ-ċurkett li l-għarusa jew niesa kienu *soltu* jagħtu lill-għarus fl-okażżjoni ta' l-għerusija skond l-użu ta' Malta indikati f'dik is-sentenza, u li l-għarus jagħti lill-għarusa skond il-kostumi tar-Rumani. Iżda minn dak iż-żmien li ġiet mogħtija dik is-sentenza daħal użu kważi ġenerali f'Malta, almenu f'ċerti klassijiet tal-popolazzjoni, illi meta ssir l-għerusija l-għarus jagħti anke lill-għarusa l- '*engagement ring*'; u allura huwa evidenti illi dak għandu jservi bħala '*arrha sponsalitia*'. Dan il-kunċett ġuridiku tan-natura ta' l-"*engagement ring*" jidher li huwa konformi mas-sistema legali tagħna; infatti mhux biss li, kif diġà ntqal hawn fuq,dan ma

jissemmiex meta l-liġi titħaddet fuq id-donazzjonijiet - anki dawk bejn l-għarajjes - talli sakemm daħlu l-emendi dwar l-emanċipazzjoni tal-mara bl-Att Numru XLVI ta' l-1973, xebba għalkemm ta' l-et , kienet inkapaċi li tagħmel donazzjoni, mentri fil-fatt kienet konswetudini li fl-okkażżjoni ta' l-għerusija x-xebba kienet tagħti ċ-ċurkett lill-għarus. Għalhekk, illum, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex tippronunzja ruħha xort'oħra dwar in-natura tal- "*engagement ring*", anzi għandha tistrieħ fuq is-sentenzi preċitati;

Fil-kawża "Vassallo *vs.* Camilleri", hawn fuq ċitata, fejn kien hemm reżiliment ta' għerusija, l-attur kien, fost affarijiet oħrajn, talab lura r-ritorn ta' l-"*engagement ring*",għaliex dan kien restitwibbli billi kien ġie mogħti lill-konvenuta in kontemplazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti qalet illi "bħala arra, skond in-natura tagħha, huwa applikabbli l-artikolu 1570 (ta' l-Ordinanza VII tal-1868, illum l-artikolu 1905 tal-Kodiċi Ċivili), għax dik hija preċiżament in-natura tal-arra, illi l-oġġett jibqa' għand il-parti li rċeviet dik l-arra jekk ir-reżiliment sar inġustament mingħand il-parti l-oħra" ;

Issa f'dan il-każ ma kienx hemm reżiliment ta' għerusija, anzi l-promessa taż-żwieġ magħmula reċiprokament mill-għarajjes waqt l-għerusija tagħhom, ġiet effettivament esegwita biż-żwieġ tagħhom fit-8 ta' Diċembru,1975. Kwindi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1905 m'humiex applikabbli. La darba iż-żwieġ sar, l-oġġett li ġie mogħti b'kapparra in kontemplazzjoni taż-żwieġ, għadda, wara ż-żwieġ, fil-patrimonju ta' min kien irċevieh, u jkun anti-ġuridiku li tassumi l-kuntrarju. L-attur, qal, però, la darba ż-żwieġ ġie annullat, allura għandu jitqies bħal li kieku qatt ma sar. Iżda, dan ma jidhirx li huwa sostenibbli, (a) għaliex is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att tal-1975 dwar iż-Żwieġ (li jidher li huwa l-uniku inċiż ta'

*l-imsemmi artikolu applikabbli għal dan il-każ)* jgħid espressament li

*"if a marriage is declared to be void the effects of a valid marriage shall be deemed to have existed, in favour of the spouses until the judgement of nullity has become a* ***res judicata*** *when both spouses had contracted the marriage in good faith' "*

(....u ma *jidhirx li fil-punt tal-kontrattazzjoni taż-żwieġ* kien hemm xi *mala fede* da parti ta' xi waħda mill-partijiet); (b) għaliex in-nullità, b'distinzjoni ta' simulazzjoni, tippresupponi obbligazzjoni ġuridikament eżistenti, iżda nieqsa minn xi element essenzjali, u kwindi ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien eżistenti sakemm ġie annullat; u (ċ) għaliex, anki b'analoġija għall-każ ta' separazzjoni persunali, il-liġi ssemmi espressament id-drittijiet li l-mara f'dak il-każ tiddekadi minnhom per eżempju t-telf għad-dotarju u *donazzjonijiet li tkun irċeviet* mingħand ir-raġel, iżda ma ssemmi mkien li hija titlef id-dritt li *żżomm* l-***engagement ring;***

Illi fil-kwalunkwe każ, ġaladarba din il-Qorti taqbel mad-deċiżjonijiet mogħtija qabel dwar in-natura ta' l-għoti ta' l-***engagement ring,*** u ċjoè li dan għandu minn natura tal-kapparra din ċertament m'hiex ekwipollenti għan-natura ġuridika tad-donazzjoni; u għalhekk proċeduralment it-talba kif konċepita ma tistax tiġi milqugħa, għaliex din il-Qorti, *stante* li hija ta' ġurisdizzjoni superjuri, għandha bilfors tiddeċiedi fuq il-kawżali kif dedotta, u ma tistax tiddeċiedi fuq kawżali jew kawżalijiet oħrajn li jistgħu jirriżultaw, iżda ma jkunux dedotti fiċ-ċitazzjoni;

Illi *stante* in-natura tal-każ, u l-punt legali nvoluti, għandu jkun hemm temperament fil-kamp ta' l-ispejjes;

Rat a fol.23 in-nota ta' l-appell ta' l-attur u a fol.25 sa 28 il-petizzjoni ta' l-Appell tiegħu li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma in kwantu ddikjarat li -konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż tagħha u "tirriformha" (*recte* tirrevokaha ) in kwantu ċaħdet it-talbiet ta' l-attur appellant u in kwantu ddikjarat li l-attur appellant irid iħallas l-ispejjes tiegħu, billi minflok tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant, bl-ispejjes kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat a fol.30A sa 33 ir-risposta tal-konvenuta appellata li biha għar-raġunijiet fiha kontenuti ssottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi għar-raġunijiet li ser jissemmew din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell interpost għandu jiġi akkolt;

Ir-raġunijiet huma s-segwenti:

Illi mill-ġurisprudenza nostrali jidher li ċ-ċurkett tal-għerusija anki jekk għandu minn natura ta' kapparra japplika għalih l-artikolu 1905 tal-Kodiċi Ċivili u mhux biss iżda f'każ li jinħall iż-żwieġ għandu jiġi ritornat lil min ikun tah. Din il-Qorti partikolarment tagħmel riferenza tas-sentenzi li ġejjin:

1. Appell Ċivili : E.Brincat *noe vs* G. Borg *et* deċiż fis-16 ta' Novembru, 1942;

2. Prim'Awla: V.Cassar *vs* Ant.Cordina *et* deċiż fit-30 t'Ottubru, 1934;

3. Prim'Awla: D.Galea *vs* Angelo Galea deċiża fit-30 ta' Jannar, 1950;

Partikolarment, din il-Qorti hi tal-fehma, li jkun utili li jiġi ripetut dak li ntqal fl-aħħar waħda minn dawn is-sentenzi u li tikkomprendi ukoll deskrizzjoni qasira ta' kif jidher u dejjem kienet il-pożizzjoni legali f'pajjiżna fir-rigward taċ-ċurkett ta' l-għerusija anki, jekk kif jidher, każijiet li spiċċaw il-Qorti ftit kien hawn;

Fis-sentenza msemmija ntqal hekk mill-imsemmija Qorti:

"Illi l-liġi tagħha ma tgħid xejn la fuq iċ-ċurkett tar-rabta jew għerusija, la fuq dak taż-żwieġ u l-anqas fuq id-donativi l-oħra li solitament jingħataw waqt l-għerusija. Huwa minnu li dwar iċ-ċurkett taż-żwieġ tissuplixxi għas-silenzju tal-liġi l-ġurisprudenza, li dwaru ssegwu pedissekwament il-Kodiċi Muniċipali (Libro III, Kap. VII, para XIII) billi qatgħet li ċ-ċurkett tal-kunsens għandu jibqa', wara x-xoljiment taż-żwieġ, ta' proprjetà tal-mara u l-eredi tagħha (ara volum XVI, parti II, paġ.158-159, *in re* 'Ciappara *vs* Ciappara Delicata", Prim'Awla Ċivili, 13 ta' Diċembru, 1897) kif ukoll l-istess ġurisprudenza tissupplixxi għaċ-ċurkett li l-għarusa tagħti lill-għarus u għad-donattivi l-oħra li jkunu saru qabel iż-żwieġ fl-okkażjoni ta' sponsali "*di futuro*"; skond l-użanzi ta' dana l-pajjiż u skond il-volontà preżenti tad-donanti li fuqha huma bażati ċerti disposizzjonijiet tal-liġi (ara artikoli tal-Kodiċi preżenti u viġenti 1898 u 1904),salv li ma jkunx pruvat li tkun saret donazzjoni purament għall-finijiet ta' liberalità, tant mill-għarusa kemm

minn niesha, kif ukoll mill-għarus jew minn niesu skond il-każ, kif jista' jidher mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-10 ta' Jannar, 1840 *in re* "Grazia Ellul *vs* Dr. Michele Camenzuli" fejn ġie ritenut li dawk id-donaturi, u anki ċ-ċurkett tar-rabta jew kunsens li l-mara t[illegible]n tat lir-raġel m'humiex donazzjonijiet atti sabiex jittrasferixxu l-assolut dominju fl-għarus, jew, fil-każ invertit, ad eċċezzjoni taċ-ċurkett taż-żwieġ, dwar l-oġġetti l-oħra fl-għarusa, għar-raġunijiet hemm ampjament diskussi, bażati fuq is-sorġenti tal-kostumanza Maltija u fuq il-liġi ta' allura; u li fejn ma ġietx adottata mill-liġi viġenti ġiet supplita mill-ġuriprudenza li segwiet il-liġi Muniċipali (ara volum sentenzi ta' Malta 1839-43, paġni 18 u 63, deċiżjonijiet 18 u 51;"

Barra mill-argument ir-raġuni prinċipali li għadha kemm issemmiet din il-Qorti hi tal-fehma ukoll illi r-riferenza li l-Ewwel Onorabbili Qorti għamlet għall-artikolu 20 (1) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ma kellhiex twassal 'l dik il-Qorti għall-konklużjoni li waslet għaliha. Infatti dak l-artikolu jiddisponi espressament illi " Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin, **sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata*** meta l-miżżewġin ikunu iżżewġu *in buona fede"*. Speċjalment jekk wieħed iħares lejn it-tieni subartikolu ta' l-artikolu 20 imbagħad wieħed ma jistax ma jasalx għall-konklużjoni li *una volta* s-sentenza tan-nullità tkun għaddiet in ġudikat l-effetti imsemmija ma jibqgħux jitqiesu li għadhom jeżistu. F'dan il-każ, apparti milli s-sentenza ta' nullità kienet ġà għaddiet in ġudikat qabel ma daħal fil-liġi tagħna l-artikolu 20(1) ta l-Att imsemmi jsegwi minn dak li jingħad illi *una volta* dikjarat null iż-żwieġ, anke kieku kellu japplika l-artikolu 20(1) imsemmi, kull dritt li l-konvenuta seta' kellha li żżomm u tuża ċ-ċurkett imsemmi spiċċa meta n-nullità għaddiet in ġudikat;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk l-appell ser jiġi akkolt;

Kwantu għat-talbiet attriċi jiġi osservat finalment illi in mankanza tal-konsenja taċ-ċurkett l-attur talab li l-konvenuta għandha tiġi kkundannata li tħallsu is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) valur ta' l-istess ċurkett jew kull ammont ieħor verjuri li jiġi ffissat mill-Qorti;

L-attur fir-rigward tal-valur taċ-ċurkett offra x-xhieda tiegħu u kkonferma li fuq parir ta' min kien biegħhulu il-valur attwali ta l-istess ċurkett illum hu sitt mitt lira (Lm600);

Dan il-valur fl-ebda ħin ma ġie kontestat mill-konvenuta appellata u f'dawn iċ-ċirkustanzi din il-Qorti hi tal-fehma li għanda takkolji l-valur kif pretiż mill-attur appellant;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet ta' l-attur kontenuti fiċ-ċitazzjoni billi tikkundanna lill-konvenuta appellata biex fi żmien ġimgħa mill-lum tirrestitwixxi lill-attur iċ-ċurkett li hu kien taha in *okkażjoni ta' l-għerusija bejniethom* u in difett tħallsu s-somma ta' sitt mitt lira Maltin valur li qed jiġi mogħti lill-istess ċurkett. L-ispejjes taż-żewġ istanzi jkunu *a* karigu tal-konvenuta appellata.